MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1881/2004

**Mariella Grech**

**Vs**

**Universita ta' Malta**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Ottubru 2004 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti bhala danni kkawzati minn decizjoni li ttihdet mill-konvenuti.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati minn dan it-Tribunal liema danni gew ikkagunati lill-istess atturi kawza ta' decizjoni mehuda mill-konvenuti biex l-atturi ma tkomplix l-istudji taghha kif ser jirrizulta waqt il-kawzi.

Ghal finjiet ta' kompetenza d-danni pretizi ma jeccedux is-somma ta' Lm1500.

Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenuti jibqghu ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-Universita` ta' Malta tecepixxi s-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok illi dan it-Tribunal jiddifetta minn kompetenza sabiex jissindika dak li qieghed jigi allegat mill-attrici.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess illi ma jirrizultax il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi sabiex il-konvneuta tigi kkundannata ghall-hlas ta' danni .
3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess illi ma kien hemm xejn zbaljat fid-decizjoni mehuda mill-Universita ta` Malta.
4. Fir-raba` lok u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` t-trattazzjoni u ra n-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidera:

Illi l-Universita konvenuta qed teccepixxi l-karenza ta' kompetenza 'ratonae materiae'. Bil-prezenti proceduri, l-attrici qed titlob lil dan it-Tribunal li jigu likwidati lilha danni li ma jeccedux is-somma ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500) konsegwenti ghal decizjoni mehuda fejn ma thallietx tkompli l-istudji taghha.

Ovvjament, l-Universita tallega ukoll li d-decizjoni minnha kienet wahda gustifikata. Dan it-Tribunal ma jistax jiggudika att amministrattiv bhal dak lamentat mill-attrici, ghax biex jasal jikkundannaha ghal pagament tad-danni

mitluba, ta' bilfors irid isir ezami u investigazzjoni tal-meriti kollha.

Gia gie ritenut minn dan it-Tribunal kif konfermat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li dan it-Tribunal ma jinkwadrax ruhu fic-cirkostanzi tad-definizzjoni tal-Qorti (vide Marika Scerri vs Direttur Generali tal-Qorti; Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti; Joseph Vella vs Albert Degiorgio).

F'dawn l-istess sentenzi u f'diversi ohrajn, hemm ukoll indikat x'jaqa fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Trid tkun talba ghal pagament ta' flus sic et simplicitar minghajr necessita ta' xi nvestigazzjoni biex tigi addebitata certa responsabbilita kif ukoll xi likwidazzjoni li tikkoncerna xi studju profond u kumplikat.

Illi mill-premessi tal-avviz jidher li dan ser ikun necessarju li anki del resto tikkonfermaw l-eccezzjonijiet moghtija fir-risposta.

Jiddeciedi billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-Universita konvenuta. In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------